PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10559 — A P MOELLER-MAERSK / SENATOR INTERNATIONAL)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 100/09)

1. Fit-22 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— A.P. Møller-Mærsk A/S Group ("APMM", id-Danimarka),

— il-grupp Senator International ("Senator International", il-Ġermanja).

APMM takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Senator International kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— APMM: kumpanija integrata tat-trasport u tal-loġistika b'attivitajiet dinjija. L-attivitajiet ewlenin tal-APMM jinkludu t-tbaħħir tal-linja tal-containers permezz tas-sussidjarji tagħha Maersk A/S, SeaLand, u Hamburg Süd, servizzi tat-terminals tal-containers, trasport intern, servizzi interni, servizzi ta' ġestjoni tal-katina tal-provvista, irmonk fil-portijiet u manifattura ta' reefer containers,

— Senator International: kumpanija tal-familja primarjament speċjalizzata fit-trasport internazzjonali tal-merkanzija, it-tbaħħir u l-loġistika, bl-enfasi ewlenija tagħha fuq l-ispedizzjoni tal-merkanzija bl-ajru u bil-baħar, kif ukoll il-loġistika, l-imballaġġ u s-servizzi doganali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10559 — A P MOELLER-MAERSK / SENATOR INTERNATIONAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË